REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1515

tal-10 ta' Ottubru 2018

li jemenda l-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għad-difenilammina u għall-oksadiksil f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwu (l-MRLs) għad-difenilammina u l-oksadiksil ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Is-sustanza attiva difenilammina ma ġietx approvata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 578/2012 ([2]). Is-sustanza asttiva oksadiksil ma ġietx inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 ([3]). L-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi ġew irrevokati. Għalhekk huwa xieraq li jitħassru l-MRLs eżistenti stabbiliti għal dawn is-sustanzi fl-Anness III skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu.

(3) Għad-difenilammina ġew stabbiliti MRLs temporanji bir-Regolament (UE) Nru 772/2013 ([4]) għat-tuffieħ u l-lanġas sat-2 ta' Settembru 2015, sabiex tiġi indirizzata kontaminazzjoni kroċjata inevitabbli li affettwat it-tuffieħ u l-lanġas mhux trattati u li seħħet minħabba l-preżenza ta' residwi tad-difenilammina fil-faċilitajiet ta' ħażna. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/67 ([5]) estenda l-validità ta' dawk l-MRLs sat-22 ta' Jannar 2018 sabiex l-operaturi tan-negozju jingħataw iż-żmien meħtieġ biex ineħħu kompletament ir-residwi tad-difenilammina fil-faċilitajiet ta' ħażna. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") u l-operaturi tan-negozju tal-ikel ppreżentaw id-*data* tal-monitoraġġ riċenti li turi li r-residwi ta' difenilammina ma għadhomx preżenti f'livelli ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni (LOD) rilevanti.

(4) Għall-oksadiksil ġew stabbiliti MRLs temporanji bir-Regolament (UE) Nru 592/2012 ([6]) għat-tursin, il-krafes u l-grupp ta' ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata sal-31 ta' Diċembru 2014, sabiex tiġi indirizzata kontaminazzjoni kroċjata inevitabbli li affettwat l-għelejjel mhux trattati u li seħħet minħabba l-preżenza ta' residwi tal-oksadiksil fil-ħamrija. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/46 ([7]) estenda l-validità ta' dawk l-MRLs sad-19 ta' Jannar 2018 minħabba l-persistenza ta' dik is-sustanza attiva fil-ħamrija. L-Awtorità u l-operaturi tan-negozju tal-ikel ippreżentaw id-*data* tal-monitoraġġ riċenti li turi li r-residwi tal-oksadiksil ma għadhomx iseħħu f'livelli ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni rilevanti.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 578/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva difenilammina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 171, 30.6.2012, p. 2).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 tal-20 ta' Novembru 2002 li jestendi it-terminu msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' xi sustanzi attivi fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi (ĠU L 319, 23.11.2002, p. 3).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 772/2013 tat-8 ta' Awwissu 2013 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għad-difenilammina f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 217, 13.8.2013, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/67 tad-19 ta' Jannar 2016 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-ametoktradin, il-klorotalonil, id-difenilammina, il-flonikamid, il-fluważinam, il-fluwossastrobin, il-halauksifen-metil, il-propamokarb, il-protijokonażol, it-tijakloprid u t-trifloksistrobin f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 15, 22.1.2016, p. 2).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 592/2012 tal-4 ta' Lulju 2012 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-bifenażat, il-kaptan, iċ-ċiprodinil, il-fluwopikolid, l-eżitijażoss, l-isoprotijolan, il-metaldeide, l-ossadissil u l-fosmet f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 176, 6.7.2012, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/46 tat-18 ta' Jannar 2016 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigwards tal-limiti massimi ta' residwi għall-oksadiksil u l-ispinetoram f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 12, 19.1.2016, p. 28).

(5) Fid-dawl tan-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva difenilammina u tan-nuqqas ta' inklużjoni tas-sustanza attiva tal-oksadiksil fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, jenħtieġ li l-MRLs għal dawn is-sustanzi jiġu ffissati għal-limitu ta' determinazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fil-każ tas-sustanzi attivi li l-MRLs kollha tagħhom għandhom jitnaqqsu għal-limitu ta' determinazzjoni rilevanti, jenħtieġ li l-valuri prestabbiliti jiġu elenkati fl-Anness V skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(6) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(8) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li jkunu ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom jintwera li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(9) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs immodifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għal prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati lejha qabel l-1 ta' Mejju 2019.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fil-Parti A tal-Anness III, il-kolonni għad-difenilammina u għall-oksadiksil huma mħassra.

(2) Fl-Anness V, il-kolonni għad-difenilammina u għall-oksadiksil huma miżjuda:

"**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi ta' residwu (mg/kg)**

Numru tal-Kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Difenilammina	Oksadiksil
(1)	(2)	(3)	(4)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	**0,05** (*)	0,01 (*)
0110000	**Frott taċ-ċitru**		
0110010	Grejpfrut		
0110020	Lariġ		
0110030	Lumi		
0110040	Xkomp		
0110050	Mandolin		
0110990	Oħrajn (2)		
0120000	**Ġewż tas-siġar**		
0120010	Lewż		
0120020	Ġewż tal-Brażil		
0120030	Ġewż tal-anakardju		
0120040	Qastan		
0120050	Ġewż tal-Indi		
0120060	Ġellewż		
0120070	Macadamia		
0120080	Ġewż Amerikan		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		
0120100	Pistaċċi		
0120110	Ġewż		
0120990	Oħrajn (2)		
0130000	**Pomu**		
0130010	Tuffieħ		
0130020	Lanġas		
0130030	Sfarġel		
0130040	Naspli		
0130050	Naspli tal-Ġappun		
0130990	Oħrajn (2)		
0140000	**Frott tal-għadma**		
0140010	Berquq		
0140020	Ċiras (ħelu)		
0140030	Ħawħ		
0140040	Għanbaqar		
0140990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0150000	**Berries u frott żgħir**		
0151000	(a) *għeneb*		
0151010	Għeneb tal-mejda		
0151020	Għeneb għall-inbid		
0152000	(b) *frawli*		
0153000	(c) *frott tal-kannamiela*		
0153010	Tut		
0153020	Tut salvaġġ		
0153030	Lampun (aħmar u isfar)		
0153990	Oħrajn (2)		
0154000	(d) *berries u frott żgħir ieħor*		
0154010	Mirtill		
0154020	Cranberries		
0154030	Ribes (abjad, aħmar u iswed)		
0154040	Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar)		
0154050	Warda skoċċiża		
0154060	Ċawsli (abjad u iswed)		
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran		
0154080	Frott tas-sebuqa		
0154990	Oħrajn (2)		
0160000	**Frott mixxellanju b'dawn li ġejjin:**		
0161000	(a) *qoxra li tittiekel*		
0161010	Tamal		
0161020	Tin		
0161030	Żebbuġ tal-mejda		
0161040	Larinġ tal-qsari		
0161050	Karambola		
0161060	Kaki		
0161070	Għanbaqar ta' Ġava		
0161990	Oħrajn (2)		
0162000	(b) *b'qoxra li ma tittikilx, żgħir*		
0162010	Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar, isfar)		
0162020	Liċċi		
0162030	Frott tal-passjoni		
0162040	Bajtar tax-xewk		
0162050	Tuffieħ stilla		
0162060	Frotta tal-kaki/Kaki tal-Virġinja		
0162990	Oħrajn (2)		
0163000	(c) *b'qoxra li ma tittikilx, kbir*		
0163010	Avokado		
0163020	Banana		
0163030	Mango		
0163040	Papaja		

(1)	(2)	(3)	(4)
0163050	Rummien		
0163060	Ċerimoja		
0163070	Gwava		
0163080	Ananas		
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż		
0163100	Durian		
0163110	Frotta tal-annona		
0163990	Oħrajn (2)		
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**	0,05 (*)	**0,01** (*)
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**		
0211000	(a) *patata*		
0212000	(b) *ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi*		
0212010	Għeruq tal-kassava		
0212020	Patata ħelwa		
0212030	Jammijiet		
0212040	Ararut		
0212990	Oħrajn (2)		
0213000	(c) *ħxejjex oħrajn tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa*		
0213010	Pitravi		
0213020	Zunnarija		
0213030	Celeriac/krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi		
0213040	Għeruq tal-mustarda		
0213050	Artiċokks		
0213060	Zunnarija bajda		
0213070	Għerq it-tursin/Tursin ta' Hamburg		
0213080	Ravanell		
0213090	Leħjet il-bodbod		
0213100	Swedes		
0213110	Lift		
0213990	Oħrajn (2)		
0220000	**Ħxejjex tal-basla**		
0220010	Tewm		
0220020	Basal		
0220030	Xalotti		
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		
0220990	Oħrajn (2)		
0230000	**Ħxejjex tal-frott**		
0231000	(a) *Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae *u tal-familja tal-*Malvaceae		
0231010	Tadam		
0231020	Bżar ħelu		
0231030	Brunġiel		
0231040	Bamja		
0231990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0232000	(b) *kukurbiti b'qoxra li tittiekel*		
0232010	Ħjar		
0232020	Ħjar tal-pikles		
0232030	Zukkini		
0232990	Oħrajn (2)		
0233000	(c) *kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx*		
0233010	Bettieħ		
0233020	Qargħa ħamra		
0233030	Dulliegħ		
0233990	Oħrajn (2)		
0234000	(d) *qamħirrum ħelu*		
0239000	(e) *ħxejjex tal-frott oħrajn*		
0240000	**ħxejjex tal-*Brassica* (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-*brassica* tal-weraq żgħir)**		
0241000	(a) brassica *li tagħmel il-fjuri*		
0241010	Brokkli		
0241020	Pastard		
0241990	Oħrajn (2)		
0242000	(b) brassica *bir-ras*		
0242010	Brussels sprouts		
0242020	kaboċċi bir-ras		
0242990	Oħrajn (2)		
0243000	(c) brassica *bil-weraq*		
0243010	Kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai		
0243020	Kales		
0243990	Oħrajn (2)		
0244000	(d) *kolrabi*		
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**		
0251000	(a) *ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata*		
0251010	Ħass tal-ħaruf/Valerjanella		
0251020	Ħass		
0251030	Escaroles/indivja tal-weraq wiesa'		
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn		
0251050	Krexxuni tal-art		
0251060	Aruka		
0251070	Mustarda ħamra		
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-*brassica*)		
0251990	Oħrajn (2)		
0252000	(b) *spinaċi u weraq simili*		
0252010	Spinaċi		
0252020	Burdlieq		

(1)	(2)	(3)	(4)
0252030	Weraq tas-selq		
0252990	Oħrajn (2)		
0253000	(c) *weraq tad-dielja u speċijiet simili*		
0254000	(d) *krexxuni*		
0255000	(e) *witloof/ċikwejra*		
0256000	(f) *ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu*		
0256010	Maxxita		
0256020	Kurrat salvaġġ		
0256030	Weraq tal-karfus		
0256040	Tursin		
0256050	Salvja		
0256060	Klin		
0256070	Timu		
0256080	Ħabaq u l-fjuri li jittieklu		
0256090	Weraq tar-rand		
0256100	Stragun		
0256990	Oħrajn (2)		
0260000	**Legumi**		
0260010	Fażola (bil-miżwed)		
0260020	Fażola (bla miżwed)		
0260030	Piżelli (bil-miżwed)		
0260040	Piżelli (bla miżwed)		
0260050	Għads		
0260990	Oħrajn (2)		
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**		
0270010	Spraġ		
0270020	Kardun		
0270030	Krafes		
0270040	Bużbież ta' Firenze		
0270050	Qaqoċċ		
0270060	Kurrat		
0270070	Rabarbru		
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		
0270090	Qlub tal-palm		
0270990	Oħrajn (2)		
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**		
0280010	Faqqiegħ ikkultivat		
0280020	Faqqiegħ salvaġġ		
0280990	Ħażiż u likeni		
0290000	**Algi u organiżmi prokarjoti**		
0300000	**BUS U ĦEMMES/ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI**	0,05 (*)	0,01 (*)
0300010	Fażola		
0300020	Għads		

(1)	(2)	(3)	(4)
0300030	Piżelli		
0300040	Lupini/fażola tal-lupini		
0300990	Oħrajn (2)		
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	0,05 (*)	0,02 (*)
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**		
0401010	Żerriegħa tal-kittien		
0401020	Karawett		
0401030	Żerriegħa tal-peprin		
0401040	Ġulġlien		
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		
0401060	Żerriegħa tal-lift/tal-kolza		
0401070	Fażola tas-sojja		
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		
0401090	Żerriegħa tal-qoton		
0401100	Żerriegħa tal-qargħa ħamra		
0401110	Żrieragħ tal-għosfor		
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom		
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*		
0401140	Qannabusa		
0401150	Fażola tar-riġnu		
0401990	Oħrajn (2)		
0402000	**Frott taż-żejt**		
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt		
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt		
0402030	Frott tal-palm taż-żejt		
0402040	Kapok		
0402990	Oħrajn (2)		
0500000	**ĊEREALI**	0,05 (*)	0,01 (*)
0500010	Xgħir		
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn		
0500030	Qamħirrum		
0500040	Millieġ komuni		
0500050	Ħafur		
0500060	Ross		
0500070	Segala		
0500080	Sorgu		
0500090	Qamħ		
0500990	Oħrajn (2)		
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	0,05 (*)	0,02 (*)
0610000	**Tejiet**		
0620000	**Żrieragħ tal-kafè/kafeni**		
0630000	**Infużjonijiet erbali minn dawn li ġejjin:**		
0631000	(a) *fjuri*		
0631010	Kamumilla		
0631020	Ibisku		

(1)	(2)	(3)	(4)
0631030	Ward		
0631040	Ġiżimin		
0631050	Tilju		
0631990	Oħrajn (2)		
0632000	(b) *weraq u ħxejjex aromatiċi*		
0632010	Frawli		
0632020	Rooibos		
0632030	Matè/te tal-Paragwaj		
0632990	Oħrajn (2)		
0633000	(c) *għeruq*		
0633010	Valerjana		
0633020	Ġinseng		
0633990	Oħrajn (2)		
0639000	(d) *kull parti oħra tal-pjanta*		
0640000	**Żerriegħa tal-kawkaw**		
0650000	**Ħarrub**		
0700000	**ĦOPS**	0,05 (*)	0,02 (*)
0800000	**ĦWAWAR**	0,05 (*)	
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**		0,02 (*)
0810010	Ħlewwa		
0810020	Kemmun iswed		
0810030	Karfus		
0810040	Kosbor		
0810050	Kemmun		
0810060	Xibt		
0810070	Bużbież		
0810080	Fienu		
0810090	Noċemuskata		
0810990	Oħrajn (2)		
0820000	**Ħwawar tal-frott**		0,02 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		
0820020	Bżar tas-Sichuan		
0820030	Karwija		
0820040	Kardamomu		
0820050	Frott tal-ġnibru		
0820060	Boċċi tal-bżar (iswed, aħdar u abjad)		
0820070	Vanilja		
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi		
0820990	Oħrajn (2)		
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**		0,02 (*)
0830010	Kannella		
0830990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**		
0840010	Għud is-sus		0,02 (*)
0840020	Ġinġer (10)		0,02 (*)
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma		0,02 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)		
0840990	Oħrajn (2)		0,02 (*)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**		0,02 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol		
0850020	Kappar		
0850990	Oħrajn (2)		
0860000	**Ħwawar ta' qalb il-fjura**		0,02 (*)
0860010	Żagħfran		
0860990	Oħrajn (2)		
0870000	**Ħwawar tal-aril**		0,02 (*)
0870010	Qoxra ta' barra tan-noċemuskata		
0870990	Oħrajn (2)		
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,05 (*)	0,01 (*)
0900010	Pitravi taz-zokkor		
0900020	Kannamieli		
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra		
0900990	Oħrajn (2)		
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI - ANNIMALI TERRESTRI**	0,05 (*)	0,01 (*)
1010000	**Prodotti bażiċi minn dawn li ġejjin:**		
1011000	(a) *ħnieżer*		
1011010	Muskoli		
1011020	Xaħam		
1011030	Fwied		
1011040	Kliewi		
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1011990	Oħrajn (2)		
1012000	(b) *bovini*		
1012010	Muskoli		
1012020	Xaħam		
1012030	Fwied		
1012040	Kliewi		
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1012990	Oħrajn (2)		
1013000	(c) *nagħaġ*		
1013010	Muskoli		
1013020	Xaħam		
1013030	Fwied		

(1)	(2)	(3)	(4)
1013040	Kliewi		
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1013990	Oħrajn (2)		
1014000	(d) *mogħoż*		
1014010	Muskoli		
1014020	Xaħam		
1014030	Fwied		
1014040	Kliewi		
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1014990	Oħrajn (2)		
1015000	(e) *ekwini*		
1015010	Muskoli		
1015020	Xaħam		
1015030	Fwied		
1015040	Kliewi		
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1015990	Oħrajn (2)		
1016000	(f) *pollam*		
1016010	Muskoli		
1016020	Xaħam		
1016030	Fwied		
1016040	Kliewi		
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1016990	Oħrajn (2)		
1017000	(g) *annimali terrestri mrobbija oħrajn*		
1017010	Muskoli		
1017020	Xaħam		
1017030	Fwied		
1017040	Kliewi		
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1017990	Oħrajn (2)		
1020000	**Ħalib**		
1020010	Bhejjem tal-ifrat		
1020020	Nagħaġ		
1020030	Mogħoż		
1020040	Żwiemel		
1020990	Oħrajn (2)		
1030000	**Bajd tal-għasafar**		
1030010	Tiġieġ		
1030020	Papri		
1030030	Wiżż		
1030040	Summien		
1030990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**		
1050000	**Amfibji u Rettili**		
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**		
1070000	**Annimali terrestri vertebrati selvaġġi**		
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**		
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**		
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**		

(*) Jindika limitu ta' kwantifikazzjoni analitika

([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I."